**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**Illum 04 ta' Mejju, 2021**

**Rikors Guramentat Nru: 13/2015 AF**

**Angela sive Gina Balzan**

**vs**

**L-Onorevoli Prim Ministru**

**L-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali**

**L-Avukat Generali**

**u**

**Brian u Cecilia konjugi Bajada u fil-verbal tal-25 ta' Ottubru, 2018, il-Qorti ordnat li l-atti tal-kawza jghaddu fil-persuna ta' Cecilia Bajada, u dan stante l-mewt ta' Brian Bajada**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Angela sive Gina Balzan, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

L-esponenti kienet akkwistat taht termini u kundizzjonijiet identici, bis-sahha ta' erba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri maghmula fi granet differenti, u b'titolu ta' donazzjoni minghand Salvatore Bezzina, is-sub-dirett dominju temporanju u sub-cens relattiv ta' Lm113 (illum €263.22) fis-sena kif imposti fuq kull wiehed mill-appartamenti bin-numri 1, 2, 3 u 4, liema appartamenti huma formanti parti minn blokk ta' l-istess erba' appartamenti u tlett garaxxijiet jew mhazen bla numru, maghrufa bhala Blokk A, u formanti parti minn blokka ta' bini akbar bla numru u bl-isem "Saint Julian's Court", Triq Manwel Dimech, gjà Prince of Wales Road, San Giljan, ghaz-zmien li kien fadal ta' circa 31 sena ohra mill-koncessjoni sub-enfitewtika originali li saret fl-atti tan-Nutar Dr. Paul Pullicino ta' l-14 ta' Gunju 1957, flimkien mad-dritt ta' reversjoni ghan-nuda proprjetà u cioè l-konsolidazzjoni ta' l-utili dominju mad-dirett dominju wara l-iskadenza tal-koncessjoni sub-enfitewtika fuq imsemmija.

L-esponenti akkwistat **l-appartament bin-numru 1** bil-mod gjà spjegat u li dwaru qieghda tigi ntavolata din il-kawza permezz tar-rikors promotorju odjern, bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Spiteri datat 30 ta' Settembru 1972 (kopja hawn annessa **DOK. A**).

Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pullicino datat 14 ta' Gunju 1957 (kopja hawn annessa **DOK. C**), l-imsemmi korp ta' 52 appartament bl-isem "St Julian's Court", inkluzi allura l-erba' appartamenti hawn fuq deskritti kienu gew koncessi b'titolu ta' enfitewsi temporanja lis-Servizzi Inglizi ghal 45 sena, b'effett mid-data ta' l-att u liema perjodu kien jaghlaq fit-13 ta' Gunju 2002.

Il-klawsola numru 12 ta' l-imsemmi kuntratt ta' enfitewsi temporanja kienet taqra bil-mod testwalment segwenti:

> *"The present sub-emphyteusis is stipulated for a period of forty-five (45) years from this day, provided, however, that the Admiralty reserve the right, to which the Grantors agree, to determine this concession and restore the site with all the buildings thereon to the Grantors or their successors at the end of the twenty-first, or the twenty-eighth, of the thirty-fifth, or the forty-second year, to run from today, by giving the Grantors six months' previous notice in writing before the expiration of any one of the aforesaid periods, of their intention to terminate the present sub-emphyteusis."*

Minkejja li s-Servizzi Inglizi offrew li jirrilaxxjaw din il-blokka bini favur is-sub-direttarji, inkluza l-esponenti, u dan ai termini tal-klawsola numru 12 sucitata, il-Gvern ta' Malta, billi rritjena li Malta kellha bzonn ta' izjed *holiday flats* u wara pressjoni fuq l-istess Servizzi Inglizi, akkwista f'ismu, permezz ta' cessjoni *gratis* fl-atti tan-Nutar Principali tal-Gvern datata 5 ta' Dicembru 1977 l-istess korp ta' bini surriferit.

B'titolu ta' cessjoni datat l-1 ta' Settembru 1978 (kopja hawn annessa u mmarkata **DOK. D**), il-Gvern ta' Malta ghadda ghal skopijiet ta' amministrazzjoni dan il-korp ta' bini lis-socjetà Holiday Services Company Limited ghall-uzu esklussiv ta' barranin li jzuru Malta. Iktar tard, permezz ta' risoluzzjoni parlamentari u modifika tal-kuntratt originali bis-sahha ta' kuntratt sussegwenti datat 24 ta' Awwissu 1983 (kopja hawn annessa u mmarkata **DOK. E**), l-imsemmija socjetà giet mehlusa minn din il-kundizzjoni originali li taghmel uzu minn dawn l-appartamenti biex takkomoda esklussivament barranin u ghaldaqstant kull appartament gie trasferit lil cittadini Maltin b'titolu ta' sub-cens temporanju ghaz-zmien li kien ghad fadal mill-koncessjoni sub-enfitewtika temporanja originali ghal hamsa u erbghin (45) sena li bdew jiddekorru mill-14 ta' Gunju 1957 bl-obbligu li l-akkwirenti Maltin ihallsu pagament originali ta' bejn elfejn u tlett elef liri Maltin u b'awment fic-cens annwu ta' bejn tnax-il lira Maltin fir-rigward ta' tlett appartamenti b'zewgt ikmamar tas-sodda, u tnejn u ghoxrin lira Maltin fir-rigward ta' l-appartamenti rimanenti ta' tlett ikmamar tas-sodda.

Bis-sahha ta' erba' kuntratti maghmula fi granet differenti b'termini u kundizzjonijiet identici, is-sub-utili dominju temporanju rispettiv ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjetà ta' l-esponenti gie akkwistat minghand is-socjetà Holiday Services Company Limited ghaz-zmien li kien fadal mill-koncessjoni ta' sub-enfitewsi temporanja ghal 45 sena li bdew jiddekorru mill-14 ta' Gunju 1957 minn persuni differenti.

L-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, akkwistaw is-sub-utili dominju temporanju ta' l-imsemmi appartament numru 1 fi Blokk A mill-istess korp ta' bini hawn fuq deskritt bil-mod gjà spjegat bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Martinelli datat l-1 ta' Novembru 1984 (kopja hawn annessa u mmarkata **DOK. B**).

Fit-13 ta' Gunju 2002, stante l-gheluq tac-cens temporanju kif hawn fuq deskritt, il-korp tal-bini flimkien mal-benefikati tieghu rriverta lura lis-sub-direttarji liberu u frank ai termini ta' l-istess att ta' koncessjoni u skond il-ligi. Fil-fatt, l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar [Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta] anqas ma kienet tapplika fir-rigward tal-bini *de quo* u dan kif ikkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara, Josephine mart Raymond Azzopardi *proprio* kif ukoll bhala prokuratrici ta' l-imsiefra Anna Maria mart Salvatore Saddemi, Patricia mart David Anastasi u Greta mart Anthony Bartolo Parnis u okkorrendo l-istess zwieghom vs Avukat Generali u Anthony Cachia** deciza fil-15 ta' Mejju 2006.

Ghalhekk, permezz ta' erba' ittri ufficjali lkoll datati 15 ta' Novembru 2006, l-esponenti kienet debitament interpellat lill-okkupanti rispettivi ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjetà taghha, inkluz lill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, sabiex jirrilaxxjaw l-appartament fil-pussess rispettiv taghhom u dan stante l-gheluq tac-cens temporanju fit-13 ta' Gunju 2002.

Ciononostante, l-okkupanti rispettivi ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjetà ta' l-esponenti, inkluzi l-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, baqghu inadempjenti u baqghu jokkupaw il-fondi rispettivi kif akkwistati minnhom illegalment u

abbuzivament stante l-gheluq tac-cens temporanju fl-14 ta' Gunju 2002 u l-konsegwenti reversjoni tal-proprjetà f'idejn l-esponenti bhala sub-direttarja.

In vista ta' dan, l-esponenti intavolat erba' rikorsi guramentati kontra l-okkupanti rispettivi ta' kull wiehed mill-erba' appartamenti proprjetà taghha fejn permezz taghhom intalab li l-Qorti tiddeciedi billi tordna lill-imsemmija okkupanti jizgombraw mill-appartamenti rispettivi okkupati minnhom fi zmien qasir u perentorju u dan peress illi kienu qeghdin jokkupaw l-appartamenti surriferiti minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Ir-rikors guramentat li gie ntavolat mill-esponenti kontra l-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada kien dak bin-numru 288/2007 GV, u permezz tieghu ntalab li l-Qorti tiddeciedi billi tordna lill-imsemmija intimati jizgombraw mill-appartament okkupat minnhom, u cioè mill-appartament numru 1, fi zmien qasir u perentorju u dan peress illi kienu qeghdin jokkupaw l-istess appartament minghajr ebda titolu validu fil-ligi.

Matul il-kors ta' dawn il-proceduri, il-Parlament Malti ghadda l-Att Numru XVIII ta' l-2007 li wassal ghall-emenda ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar biz-zieda ta' l-Artikolu 12A li jipprovdi fir-rigward ta' sub-enfitewsi bhal dik in ezami li ma tkunx wahda li l-effetti tat-tmiem taghha jkunu regolati bl-Artikolu 12(2)(a) jew (b) jew bl-Artikolu 12(4) jew 12(5) u meta l-enfitewta jew is-sub-enfitewta jkun jokkupa d-dar t'abitazzjoni bhala r-residenza ordinarja tieghu dan ***"jkollu l-jedd li jibqa' jokkupa d-dar ta' abitazzjoni taht kirja minghand il-persuna li tkun id-detentur ta' l-enfitewsi jew subenfitewsi precedenti bl-istess kera u taht l-istess kondizzjonijiet applikabbli skond l-artikolu 12(2)(i) u (ii) li ghandhom japplikaw mutatis mutandis"*** (enfasi mizjuda).

Ghalhekk l-esponenti pprezentat rikors kostituzzjonali b'referenza ghall-appartament ta' l-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, liema rikors kostituzzjonali gie deciz b'mod finali mill-Qorti Kostituzzjonali bhala qorti ta' l-appell fis-7 ta' Dicembru 2012 permezz ta' sentenza fl-ismijiet **Angela *sive* Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici**

**Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada** (Rikors numru 15/08GCD) (kopja hawn annessa u mmarkata **DOK. F**).

Permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat dak li ddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) fis-sentenza taghha moghtija in prim'istanza fil-11 ta' Ottubru 2011 (kopja hawn annessa u mmarkata **DOK. G**) bl-istess ismijiet, u cioè *"illi l-applikazzjoni tal-art. 12A tal-Kap. 158 ghall-proprjetà tal-attrici msemmija fir-rikors tikser il-jeddijiet taghha mharsa taht l-art. 1 tal-Ewwel Protokol"* u dan b'referenza ghall-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif jinsab dedott fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta].

Permezz ta' l-istess sentenza fir-Rikors numru 15/08GCD u b'referenza ghas-sentenza taghha tal-25 ta' Novembru 2011 fl-ismijiet **Gerald Montanaro Gauci *et* vs Direttur Akkomodazzjoni Socjali *et***, il-Qorti Kostituzzjonali ddecidiet illi *"ir-rimedju ghandu jkun ta' kumpens, kif del resto jipprovdi l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-uniku ligi li nstab li gie miksur"*.

Il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2012 fir-Rikors numru 15/08GCD, u b'referenza ghas-sentenza moghtija fil-15 ta' Settembru 2009 mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Amato Gauci vs Malta** iddecidiet ukoll illi *"il-ligi ghandha titqies applikabbli ghall-kaz, izda peress li fl-istess ligi jezistu nuqqasijiet procedurali biex jinholoq bilanc gust, irid jinghata kumpens adegwat lis-sid halli 'jinholoq' dan il-bilanc"* u dan b'referenza ghall-Artikolu 12A ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar.

L-istess Qorti Kostituzzjonali fir-Rikors numru 15/08GCD ikkunsidrat li l-kera dovuta lill-esponenti mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada in konsiderazzjoni ta' l-okkupazzjoni taghhom ta' l-appartament numru 1 u ai termini ta' l-Artikolu 12A ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar hija dik ta' €490.59 fis-sena, waqt li l-valur lokatizju tal-fond kif stmat mill-perit tekniku appuntat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (sede

kostituzzjonali) in prim' istanza huwa dak ta' €7,000 fis-sena, u ghamlet il-konsiderazzjonijiet testwalment segwenti:

> *"Hu obbligu tal-Gvern li johloq bilanc gust bejn l-interess tac-cittadin li jkollu fejn jghammar, u l-interess tas-sid li jiehu gwadan gust mill-proprjetà tieghu. Jekk il-Gvern sejjer hu jimponi residenza go fond, irid johloq mekkanizmu biex jara li l-interess tas-sid ma jkunx ippregudikat.*
>
> *[...]*
>
> *F'dan il-kaz, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern iwassal ghall-kumpens li hu ferm 'il boghod mill-kumpens li tkun intitolata ghalih ir-rikorrenti kieku thalliet tpoggi l-appartament taghha ghal kera fis-suq. Kwindi, il-mekkanizmu li holoq il-Gvern, f'dan il-kaz, falla u ma tax rizultat li jirrispekja d-dritt ta' proprjetà tar-rikorrenti ... L-aspett socjali ta' ligi trid tigi evalwata mill-Gvern u sta ghall-Gvern jara li ligi, applikabbli* erga omnes*, twassal ghal-konsegwenzi mixtieqa, però, fejn se jigu aggevolati klassi ta' persuni f'sitwazzjoni partikolari, il-Gvern irid jara li ma tbatix klassi ohra ta' cittadin, u hawn il-htiega ta' bilanc gust."*

Il-Qorti Kostituzzjonali fir-Rikors numru 15/08GCD, wara li qieset ukoll illi l-esponenti kienet ilha mill-2002 ma tiehu kumpens adegwat ghall-uzu ta' l-appartament numru 1 li kien qieghed isir mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, illikwidat is-somma ta' sittin elf Ewro (€60,000) li kellha tithallas mill-Gvern kif rapprezentat fil-kaz in ezami mill-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u dan bhala sodisfazzjon xieraq ai termini ta' l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ta' li gie lez lilha d-dritt taghha ta' proprjetà kif protett mill-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Wara li gie interpellat permezz ta' protest gudizzjarju pprezentat fl-4 t'Ottubru 2013 (vera kopja hawn annessa u mmarkata **DOK.**

**H**), il-Gvern hallas lill-esponenti s-somma ta' sittin elf, erba' mija u hames Ewro u tnejn u disghin centezmu (€60,405.92) rapprezentati l-imsemmija somma llikwidata mill-Qorti Kostituzzjonali u l-ispejjez tal-kawza, u dan skond *remittance advice* mahruga mill-intimat Avukat Generali datata 31 ta' Dicembru 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata **DOK. I**).

Madanakollu l-Onorevoli Prim Ministru ma ha l-ebda passi sabiex tigi rrimedjata l-ingustizzja mahluqa b'dak li llum huwa l-Artikolu 12A ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar, u cioè qatt ma holoq mekkanizmu kif deskritt mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta' Dicembru 2012, u ghalhekk, l-esponenti baqghet u tkompli tigi mcahhda mid-dritt fundamentali tat-tgawdija tal-proprjetà taghha ghas-snin kollha sussegwenti l-2012.

Ghalhekk l-esponenti qatt ma nghatat rimedju effettiv ai termini ta' l-Artikolu 13 ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea sabiex tkun tista' tigi mhallsa l-kumpens pretiz minnha ai termini ta' l-Artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta minhabba l-uzu u l-okkupazzjoni ta' l-appartament in kwistjoni proprjetà taghha mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, liema uzu u okkupazzjoni ghadhom jissussistu sal-gurnata tal-lum, u cioè sentejn wara li nghatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Angela *sive* Gina Balzan vs l-Onorevoli Prim Ministru, l-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Gustizzja, l-Avukat Generali, u Brian u Cecilia konjugi Bajada** (Rikors numru 15/08GCD).

L-Artikolu 37(1)(b) u (c) jiddelinejaw bl-iktar mod car li r-rimedju effettiv li bih persuna li qieghda tivvanta dritt ta' kumpens bil-mod kif qieghda taghmel l-esponenti ghandu jkun id-dritt ta' access lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf mill-ligi u moghti s-setghat necessarji ghall-iskopijiet kif dedotti fl-istess sub-incizi tal-ligi, u ghalhekk kompla jigi lez lilha d-dritt ta' smigh xieraq ai termini ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ai termini ta' l-Artikolu 6(1) ta' l-Ewwel Skeda ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

Kif gjà espost, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 12A ta' l-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar, l-uzu u l-okkupazzjoni tal-proprjetà

ta’ l-esponenti mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada ghadhom jissussistu sal-gurnata tal-lum, u dan minghajr ebda kumpens da parti ta’ l-istess intimati ghat-telf kollu soffert u li ghadu jrid jigi soffert mill-esponenti, u ghalhekk, kif iddecidiet il-Qorti Kostitizzjonali fis-sentenza taghha tas-7 ta’ Dicembru 2012, ghadu wkoll qieghed jigi lez id-dritt ta’ proprjetà ta’ l-esponenti kif protett mill-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

L-Onorevoli Prim Ministru anqas ma wiegeb ghall-interpellanzi ta’ l-esponenti sabiex jintlahaq ftehim ghar-regolazzjoni ta’ kumpens xieraq ghall-esponenti ghal kull sena ohra futura illi fiha l-istess appartament proprjetà ta’ l-esponenti, jibqa’ jigi okkupat mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas da parti ta’ l-Onorevoli Prim Ministru u ta’ l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li jipprovdu rimedju effettiv ta’ kumpens ghall-privazzjoni taghha mill-fond in kwistjoni proprjetà taghha ghas-snin segwenti l-2012, ghadu qieghed jilledi d-dritt taghha ghal rimedju effettiv ai termini ta’ l-Artikolu 13 ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta], id-dritt taghha ghal protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjeta’ bla kumpens ai termini ta’ l-Artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha ai termini ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt taghha ta’ sodisfazzjon xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas da parti ta’ l-Onorevoli Prim Ministru u ta’ l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li jipprovdu rimedju effettiv sabiex l-esponenti tkun tista’ tivvanta l-pretensjonijiet taghha ghall-kumpens bil-mod kif iddelinejat fl-Artikoli 37(1)(b) u (c) jew b’xi rimedju idoneju iehor, qieghed jilledi d-drittijiet

taghha ghal smigh xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll ai termini ta’ l-Artikolu 6(1) ta’ l-Ewwel Skeda ta’ l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta].

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-uzu u l-okkupazzjoni tal-proprjetà ta’ l-esponenti mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada u/jew in-nuqqas da parti ta’ l-istess intimati milli jhallsu lill-esponenti kumpens xieraq ghat-telf kollu soffert u li ghadu jrid jigi soffert minnha minhabba l-uzu u l-okkupazzjoni minnhom tal-proprjetà taghha, qeghdin jilledu id-dritt taghha ghal protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjetà bla kumpens ai termini ta’ l-Artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha ai termini ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt taghha ta’ sodisfazzjon xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi n-nuqqas da parti ta’ l-Onorevoli Prim Ministru u ta’ l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali li jersqu ghal ftehim sabiex jigi rregolat il-kumpens xieraq dovut lill-esponenti ghal kull sena ohra futura illi fiha l-istess appartament proprjetà ta’ l-esponenti, jibqa’ jigi okkupat mill-intimati Brian u Cecilia konjugi Bajada, qieghed jilledi d-dritt taghha ghal protezzjoni minn privazzjoni ta’ proprjetà bla kumpens ai termini ta’ l-Artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll id-dritt taghha ghat-tgawdija pacifika tal-possediment taghha ai termini ta’ l-Artikolu 1 ta’ l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, u d-dritt taghha ta’ sodisfazzjon xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

5. Taghti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi, inkluz jekk ikun hemm il-htiega li tigi dikjarata nulla jew inapplikabbli fil-kaz in ezami il-ligi, inkluz l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Ligijiet ta’ Malta ‘in parte’ jew ‘in toto’, u konsegwentement l-izgumbrament tal-intimati konjugi

Bajada mill-appartament in kwistjoni u dan b'rizerva għall-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza ta' dan.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ta' l-4 t'Ottubru 2013.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, li permezz tagħha eċċepew illi:

Fl-ewwel lok u **in linea preliminari** l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali ma kellhomx għalfejn jitħarrku f'dawn il-proċeduri skont l-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta). Ladarba l-ilment tar-rikorrenti huwa dirett kontra l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta, kien suffiċjenti li l-proċeduri odjerni jiġu istitwiti biss kontra l-esponent Avukat Ġenerali kif diġà konfermat b'mod konsistenti mill-ġurisprudenza. Isegwi għalhekk li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Subordinament u bla preġudizzju għas-suespost, **fil-mertu**, l-esponenti jirrespinġu l-allegazzjonijiet u l-pretensjonjiet tar-rikorrenti bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li sejrin jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal-xulxin.

## ***<u>Dwar l-Ewwel Talba</u>***

Safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab dirett mill-perjodu tal-2012 'il quddiem, l-esponenti jeċċepixxu li r-rikorrenti ma tistax tippretendi li tikseb dikjarazzjoni ġudizzjarja għal dak li għad irid jiġri fil-futur in kwantu din l-Onorabbli Qorti hija limitata li tiddeċiedi biss sal-preżent.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, dan huwa għal kollox improponibbli, għaliex dan

l-artikolu jgħodd biss meta jkun hemm teħid obbligatorju tal-proprjetà. Tassew sabiex wieħed jista' jitkellem dwar teħid forzuz jew obbligatorju, persuna trid tiġi svestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjetà bħal meta jkun hemm ordni ta' esproprjazzjoni ta' xiri dirett. Però dan mhuwiex il-każ hawnhekk, għaliex bit-tħaddim tal-artiklolu 12A tal-Kap 158 tal-Liġijiet ta' Malta r-rikorrenti ma tilfitx għal kollox il-jeddijiet kollha fuq il-ġid in kwistjoni. Il-miżura msemmija fil-liġi li qed tiġi attakata mir-rikorrenti, għalkemm ma hemmx dubbju li din tikkostitwixxi għamla ta' kontroll fl-użu u fit-tgawdija tal-proprjetà, madankollu tali miżura ma twassalx għal deprivazzjoni totali tal-propjetà. Isegwi għalhekk li l-ilment tar-rikorrenti ma huwiex kopert fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsegwentement għandu jiġi miċħud.

Safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa bbazat fuq l-**artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea** dan huwa wkoll konċettwalment ħażin, għaliex dawn il-proċeduri kostituzzjonali stess għandhom is-saħħa li jagħtu rimedju lir-rikorrenti jekk jinstab li verament ġew miksura lilha xi drittijiet li huma mħarsa taħt il-Konvenzjoni Ewropea.

L-artikolu 13 ma jesiġix xi proċedura partikolari dwar kif għandu jingħata r-rimedju. L-importanti huwa li jingħata rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali. Fil-fehma tal-esponenti din l-Onorabbli Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha hija awtorità nazzjonali li tista' tagħti rimedju effettiv lir-rikorrenti jekk jinstab li seħħew infrazzjonijiet konvenzjonali.

Fl-aħħarnett għal dak li għandu x'jaqsam mal-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea,** għandu jingħad li skont il-proviso ta' dan l-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjetà skont l-interess ġenerali. F'dan is-sens huwa magħruf fil-ġurisprudenza li l-Istat igawdi minn diskrezzjoni wiesgħa sabiex jidentifika x'inhu meħtieġ fl-interess ġenerali u sabiex jistabilixxi liema huma dawk il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tal-interess ġenerali.

Fil-fehma tal-esponenti miżuri soċjali implimentati biex jipprovdu dar ta' abitazzjoni lin-nies fil-bżonn jaqgħu fil-kappa

tal-interess ġenerali. Taħt dan il-profil l-artiklolu 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta mdaħħal fis-sistema legali permezz tal-Att numru XVIII tal-2007, li huwa maħsub biex jipproteġi persuni milli jiġu mkeċċija mid-dar tal-abitazzjoni tagħhom f'għeluq it-terminu konċess lilhom fil-kuntratt tal-enfitewsi jew sub-enfitewsi, ma jistax jiġi klassifikat bħala wieħed mhux leġittimu jew mhux fl-interess ġenerali.

Għalhekk meta wieħed iqis li dawn l-emendi kienu ġew introdotti bi skop li l-Gvern jimplimenta l-politika tiegħu soċjali u ekonomika fil-qasam tal-akkomodazzjoni, l-esponenti ma jarawx li l-artikolu 12A għandu jitqies li jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem kif imħares bil-Konvenzjoni Ewropea.

Stabbilit li l-artikolu 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta għandu għanijiet leġittimi u huwa fl-interess ġenerali, b'dana li ma hemm xejn ħażin taħt il-Konvenzjoni Ewropea, li l-liġi Maltija tiddisponi li f'għeluq subenfitewsi temporanja l-okkupant li jkun qed juża' dik id-dar bħala r-residenza tiegħu għandu jitħalla fid-dar taħt titolu ta' kera.

Dwar l-ilment marbut tal-isproporzjon fil-kera, jigi rilevat ulterjorment li meta jkun hemm preżenti għanijiet leġittimi meħuda fl-interess pubbliku, bħalma huwa f'dan il-każ, il-kumpens dovut lis-sidien minħabba l-indħil fit-tgawdija ta' ġidhom jattira ammont li jkun ferm inqas mill-valur sħiħ tas-suq.

Jingħad ukoll li bl-introduzzjoni tal-Att X tal-2009 viz. l-artikolu 39(4)(A), il-valur tal-kera beda jogħla kull tlett snin skont l-artikolu 1531C tal-Kodiċi Ċivili (Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Inoltre, meta wieħed jiġi biex jevalwa l-element tal-proporzjonalità wieħed irid iqis ukoll li l-protezzjoni tal-kera taħt l-artikolu 12A tal-Kap 158 tal-Liġijiet mhijiex perpetwa u kif ukoll li t-tiswijiet kollha li jolqtu l-post imissu biss lill-okkupant u mhux lis-sid. Għalhekk, in-nuqqas ta' proporzjon li ġie ravviżat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali għall-perjodu mill-2002 sal 2012 fid-deċiżjoni annessa bħala '**Dok. F**' u li għalih ir-rikorrenti diġà ingħatat kumpens ta' €60,405.92 ma jissussitix għall-perjodu sussegwenti għall-imsemmija deċiżjoni.

Għaldaqstant l-ebda dikjarazzjoni ta' sodisfazzjoni xieraq m'għandu jingħata lir-rikorrenti skont l-**artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea**.

***<u>Dwar It-Tieni Talba</u>***

Għal dak li jirrigwarda l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** u l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, l-esponenti jissottomettu li dawn l-artikoli jipprovdu għall-garanziji proċedurali u li fl-ebda parti mir-rikors promotur ma hemm xi aċċenn kif dawn l-artikoli ġew miksura. F'kull każ il-garanziji ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti qatt ma ġew mittiefsa u bħala konsegwenza dan l-ilment tar-rikorrenti għandu wkoll jiġi miċħud a tenur tad-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tas-7 ta' Diċembru 2012 annessa bħala '**Dok. F**' mar-rikors promotur.

Jerġa' jiġi mtenni ulterjorment li l-invokazzjoni tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** hija mingħajr bażi għaliex f'dan il-każ ħadd ma ħa b'mod forzus il-proprjetà tar-rikorrenti kif diġà ġie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Diċembru 2012 annessa bħala '**Dok. F**' mar-rikors promutur.

Finalment ma huwiex minnu li r-rikorrenti m'għandhiex rimedju effettiv fil-liġi tagħna sabiex tiġi kkumpensata minħabba leżjoni tad-drittijiet tagħha fuq il-proprjetà kif allegat minnha. Tabilħaqq jekk l-ilmenti konvenzjonali tar-rikorrenti jiġu pruvati, dawn il-proċeduri jistgħu jagħtu lir-rikorrenti dawn ir-rimedji li qegħda tfittex.

***<u>Dwar It-Tielet Talba</u>***

Din it-talba għandha tiġi miċħuda minħabba li ma hemm ebda sitwazzjoni ta' ksur tal-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u/jew tal-**ewwel artikolu tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** kif allegat mir-rikorrenti.

Inoltre, ir-rikorrenti ma tistax tippretendi li tirċievi dikjarazzjoni ġudizzjarja dwar telf ta' kumpens xieraq li għadu ma seħħx.

Inkwantu tali talba hija ipotetika u spekulattiva din m'għandhiex tiġi milqugħa.

F'kull każ u mingħajr preġudizzju, ma hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti ta' sodisfazzjoni xieraq skont l-**artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea** kif allegat mir-rikorrenti.

***<u>Dwar Ir-Raba' Talba</u>***

Din it-talba hija tista' tgħid ripetizzjoni tat-talba preċedenti u għalhekk għall-istess raġunijiet imsemmija fis-suespost, din mgħandhiex ikollha eżitu favorevoli għar-rikorrenti.

***<u>Dwar Il-Ħames Talba</u>***

Galadarba ma hemm l-ebda riskontru ta' leżjoni fiċ-ċirkostanzi odjerni, speċjalment tenut kont tal-fatt li hija diġà ġiet kumpensata €60,405.92 mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali u li hija qegħda tipperċepixxi l-kera skont il-liġi wara r-riforma li saret fil-liġijiet tal-kera, ebda rimedju ulterjuri m'għandu jingħata lir-rikorrenti.

F'kull każ u mingħajr preġudizzju, safejn ir-rikorrenti qegħda tgħid li l-liġi tikser il-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta u li l-intimati konjuġi Bajada għandhom jiġu żgumbrati mill-fond, tali talbiet mhumiex mistħoqqa in kwantu, kif deċiż mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012 ('**Dok. F**'), il-liġi *per se* ma ġietx meqjusa li tikser il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew il-Kostituzzjoni u għalhekk ma tistax tiġi diżapplikata għall-każ odjern kif qed tippretendi r-rikorrenti.

Jekk ir-rikorrenti qed issostni li hija qegħda ġġorr piż sproporzjonat minħabba li l-ammont ta' kera li qed tirċievi ma jirriflettix il-valur reali tal-fond in kwistjoni, dan ma jistax jiġi rimedjat bit-tneħħija tal-liġi jew bl-iżgumbrament tal-konjuġi Bajada. Dan qed jingħad għaliex wieħed ma jistax fl-istess nifs jagħraf l-iskop, il-ħtieġa u l-leġittimità tal-miżura msemmija fl-

artikolu 12A tal-Kap. 158 biex imbagħad jinnewtralizzaha billi jagħmilha inapplikabbli bl-iżgumbrament tal-okkupanti.

Dejjem mingħajr preġudizzju, huwa inammissibbli li r-rikorrenti, wara li ħalliet il-proċeduri ċivili ta' żgumbrament bin-numru 288/2007 GV jaqgħu deżerti, tippretendi li din l-Onorabbli Qorti tordna l-iżgumbrament tal-konjuġi Bajada. Bir-rispett dovut, mhuwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha tagħti ordni ta' żgumbrament u għalhekk fl-umli fehma tal-esponenti f'kull każ din it-talba għandha tiġi miċħuda.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tagħha.

Rat ir-risposta tal-intimati Brian u Cecilia konjuġi Bajada li permezz tagħha eċċepew illi:

Minn naha tal-esponenti hija mehtiega biss risposta ghall-ahhar talba.

Ma hemmx lok ghall-izgumbrament mitlub kontra l-esponenti, u dan fuq l-iskorta tal-istess sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali li fuqha mibnija din il-kawza. Fis-sentenza moghtija fis-7 ta' Dicembru 2012, fejn kien involut Brian Bajada, il-Qorti esplicitament qalet li min qed joqghod fil-fond ma kien jahti xejn.

Il-Gvern u l-Parlament ghamlu ligi li pprotegiet lill-esponenti li jkollha saqaf fuq rasha. L-Istat Malti hekk hass li hu gust u xieraq.

Dan bl-istess mod, li l-Istat Malti kien ta permess tal-bini, u dan mhux bi dritt, lill-awturi tal-attrici, biex art li kienet agrikola tista' tinbena. Ma thallasx il-valur jew parti minnu ta' kemm giet tiswa l-art b'permess bhal dak, u mhux fuq livell wiehed minna fuq 4 livelli. Imma dak l-element tal-permess jidher li jintesa' mill-attrici rikorrenti, kif jinsewh l-ohrajn li ghandhom appartamenti fl-istess inhawi. Il-permess qisu ma jiswa xejn. Il-gustizzja

titlob li kollox ghandu jitqieghed fil-kfief tal-mizien, halli mhux dejjem ixaqleb lejn is-sid.

Barra l-argumenti applikabbli ghall-kazijiet simili, f'dan il-kaz hemm ir-*res judicata* tas-sentenza hawn citata.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u Avukat tal-Istat li permezz tagħha eċċepew illi:

Minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra mressqa fir-risposta taghhom, l-esponenti jixtiequ jassoccjaw ruhhom mat-talba ta' Brian u Cecilia konjugi Bajada kif verbalizzata fl-udjenza tas-16 ta' Marzu 2016 sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza wkoll lill-esponenti jqajjmu l-imsemmija eccezzjoni tar-*res judicata* in kwantu fl-umli fehma taghhom timmerita li tigi trattata u deciza.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati Brian u Cecilia konjuġi Bajada li permezz tagħha eċċepew illi:

Ghal kull buon fini l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali tal-25 ta' Jannar 2013 fl-ismijiet John Camilleri vs Avukat Generali fejn kienet qajmet l-eccezzjoni tar-*res judicata* f'kawza kostituzzjonali.

Rat is-sentenza tal-21 ta Frar 2017 li permezz tagħha l-intimati ġew meħlusa mill-osservanza tal-ġudizzju wara li ntlaqgħet l-eċċezzjoni tar-*res judicata*.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Ottubru 2017 li permezz tagħha laqgħet l-appell tal-attriċi u konsegwentement, ħassret is-sentenza ta' din il-Qorti, caħdet l-eċċezzjoni tar-*res judicata* u bagħtet lura l-atti lil din il-Qorti sabiex jissokta s-smigħ.

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimata Cecilia Bajada li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fil-fatt inbidlet il-ligi u cioè l-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta billi zdied l-Artikolu 12B. Dan dahal f'effett mill-1 ta' Awwissu, 2018.

Però anke fejn ikun hemm kwistjonijiet mall-inkwilini l-Qorti Kostituzzjonali proprju f'dawn il-granet tat decizjoni fil-kawza ta' Angela sive Gina Balzan kontra l-Prim Ministru u Hilda Lateo fejn sahansitra l-ispejjez tal-intimata Hilda Lateo gew akkollati lir-rikorrenti Angela sive Gina Balzan. Ghaliex l-individwu li juzufruwixxi mill-ligi vigenti, li ma jaghmilix hu, ma jista' qatt ikun responsabbli bhala konvenut fil-kawza u fuq dan kien hemm diversi pronunzjamenti kemm tal-Qorti Maltija u kemm tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem.

Ir-referenza li qed issir ghall-kawza kostituzzjonali 14/2015 li giet deciza fil-31 ta' Jannar, 2019.

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri tal-intimata Cecilia Bajada li permezz tagħha eċċepiet illi:

Dan hu bazat fuq l-azzjoni li hadet l-istess rikorrenti Angela Balzan li fethet proceduri quddiem il-Bord tal-Kera fl-ismijiet Angela Balzan vs Cecilia Bajada, fejn qed titlob jew l-izgumbrament jew fissazzjoni ta' kera xieraq, u ghalhekk bl-esistenza ta' dak li l-Qorti Kostituzzjonali qalet li hu rimedju effettiv, din il-kawza hija dwar *lis alibi pendens*.

Fil-konfront taghha hemm ukoll li r-rikorrenti ghadha ma ezawritx ir-rimedji kollha ordinarji.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attriċi u tal-intimati Onorevoli Prim Ministru, Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali u tal-Avukat tal-Istat.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat li permezz ta' dawn il-proċeduri, l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti ssib illi n-nuqqas tal-Gvern milli jipprovdi rimedju effettiv ta' kumpens kif ukoll mekkaniżmu sabiex l-attriċi tkun tista' tivvanta l-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens skont l-artikolu 37(1)(b) u (c) tal-Kostituzzjoni, għall-privazzjoni tal-

proprjetà tagħha f'San Ġiljan, għadu qiegħed jilledi d-dritt tagħha għall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà mingħajr kumpens kif ukoll għal rimedju effettiv, għal sodisfazzjon xieraq u għal smigħ xieraq ai termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Hija qiegħda titlob ukoll illi l-Qorti ssib li l-okkupazzjoni mill-konjuġi Bajada tal-proprjeta tagħha mingħajr kumpens xieraq kif ukoll it-telf kollu li sofriet u li għadha trid issofri minħabba din l-okkupazzjoni tilledi l-istess drittijiet fundamentali tagħha. Finalment hija qiegħda titlob dikjarazzjoni li n-nuqqas tal-Gvern milli jersaq għall-ftehim sabiex jiġi regolat il-kumpens xieraq dovut lilha għaż-żmien kollu li l-konjuġi Bajada jibqgħu jokkupaw il-proprjetà tagħha wkoll jilledi d-drittijiet fundamentali tagħha.

Bħala rimedju, hija qiegħda titlob lill-Qorti tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi, inkluż, jekk ikun il-każ, li jiġi dikjarat null jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-artikolu 12A tal-Kap. 158 li taħtu l-konjuġi Bajada qegħdin jivvantaw it-titolu tagħhom fuq il-proprjetà in kwistjoni u konsegwentement, l-iżgumbrament tal-konjuġi Bajada minn din il-proprjetà.

Jirriżulta li l-attriċi hija is-sub direttarja tal-appartament numru wieħed, Blokk A, 'St Julians' Court', Triq Manwel Dimech, San Ġiljan. Dan il-fond huwa okkupat mill-intimata Cecilia Bajada (stante li żewġha Brian Bajada gie nieqes fil-mori tal-kawża) bis-saħħa tal-artikolu 12A tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tal-imsemmi artikolu, il-konjuġi Bajada ngħataw il-jedd li jkomplu jokkupaw dan il-fond b'titolu ta' kera nonostante l-fatt illi s-sub ċens għalaq fis-sena 2002. Skont it-tħaddim tal-imsemmi artikolu, il-kera li kellha titħallas lill-attriċi għall-ewwel ħmistax il-sena wara li għalaq is-sub ċens fis-sena 2002 kien jammonta għal €490.59 fis-sena. Mill-atti ma jirriżultax l-awment tal-kera wara l-2017. L-attriċi tgħid illi l-intimati Bajada ma kinux qed iħallsuha kera.

Il-Perit Paul Buhagiar li jaħdem fid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali għamel stima tal-fond għal finijiet ta' din il-kawża fis-somma ta' €201,400 jew €5,550 fis-sena bħala kera.

In kwantu li l-attriċi dehrilha li l-artikolu sopraċitat jilledi d-drittijiet fundamental tagħha peress li hija ma setgħetx tirriprendi l-pussess vakanti tal-proprjetà tagħha fi tmien l-enfitewsi, u dan mingħajr ma kienet qiegħda titħallas kumpens adegwat, hija pproċediet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta permezz ta' rikors intavolat kontra l-istess intimati f'din il-kawża fit-12 ta' Frar 2008 fejn talbet lill-Qorti:

> "*tiddikjara li bil-fatti hawn fuq esposti ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għall-proprjetà, għan-non diskriminazzjoni u għas-smigħ xieraq u dan kif protetti kemm bl-artikolu tal-Konvenzjoni Ewropeja (art 6, 14 tal-Konvenzjoni u/jew art 1 tal-Ewwel Protokol tal-istess) u kif ukoll tal-Kostituzzjoni ta' Malta (senjatament l-artikoli 38, 39, u/jew 45, rispettivament, u konsegwentement tagħti dawk ir-rimedji kollha opportuni u effettivi, inkluż jekk ikun hemm il-ħtieġa li tiġi dikjarata nulla jew inapplikabbli fil-każ in eżami l-liġi, inkluż, l-art. 12A tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta 'in parte' jew 'in toto', u konsegwentement l-iżgumbrament tal-intimati Brian u Cecilia konjuġi Bajada mill-appartament in kwistjoni u dan b'riżerva għall-likwidazzjoni fl-istadju opportun tad-danni sofferti mill-esponenti bħala konsegwenza ta' dan*."

Permezz ta' sentenza datata 11 ta' Ottubru 2011, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, iddikjarat illi l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 għall-proprjetà tal-attriċi tikser il-jeddijiet tagħha mħarsa taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u filwaqt li ċaħdet it-talba tal-attriċi għall-iżgumbrament tal-konjuġi Bajada u bħala rimedju l-Qorti qalet illi l-konjuġi Bajada ma jistgħux jinqdew bl-artikolu tal-liġi msemmi sabiex jilqgħu għal kull azzjoni li tagħmel l-attriċi bl-għan li tikseb l-iżgumbrament tagħhom.

Il-perit tekniku mqabbad minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-2010 kien għamel stima tal-fond fis-somma ta' €175,000 filwaqt illi stabbilixxa l-valur lokatizju fis-somma ta' €7,000 fis-sena.

Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti billi filwaqt li kkonfermatha fejn l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet attriċi għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikoli 37, 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u ddikjarat illi l-applikazzjoni tal-artikolu 12A tal-Kap. 158 għall-proprjetà tal-attriċi tikser il-jeddijiet tagħha mħarsa taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea, irrevokat is-sentenza fejn l-Ewwel Qorti qalet illi l-konjuġi Bajada ma jistgħux jinqdew bl-artikolu msemmi sabiex jilqgħu għal kull azzjoni li tagħmel l-attriċi bl-għan li tikseb l-iżgumbrament tagħhom u minflok, bħala rimedju għall-ksur subit mill-attriċi, ordnat lill-intimati l-oħra rappreżentanti l-Gvern ta' Malta jħallsu *in solidum* bejnithom is-somma ta' €60,000 lill-attriċi bħala kumpens talli ġie leż id-dritt tagħha ta' proprjetà kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea.

L-attriċi fetħet il-kawża tal-lum għaliex minkejja d-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, il-liġi baqgħet ma nbidlitx u hija baqgħet mingħajr rimedju sabiex jindirizza l-lanzjanzi tagħha minn dakinhar tas-sentenza 'l quddiem u allura tilmenta li d-drittijiet fundamentali tagħha baqgħu jiġu leżi.

Fil-mori tal-kawża daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018 li introduċa proċedura ġdida sabiex sidien bħall-attriċi jkunu jistgħu jgħollu l-kera u f'ċertu ċirkostanzi anke jottjenu l-iżgumbrament tal-inkwilini mill-proprjetà tagħhom. Fil-fatt, jirriżulta li l-attriċi intavolat proċeduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex tiġi dikjarata xolta l-kirja tal-fond mertu ta' din il-kawża u konsegwentement tiġi żgumbrata l-intimata mill-fond.

Għalhekk, permezz ta' eċċezzjoni ulterjuri, l-intimata ressqet l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*. Din l-eċċezzjoni hija bbażata fuq l-artikolu 792 tal-Kap. 12 li jgħid hekk:

> "*Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra.*"

Dan il-prinċipju tal-*litis pendentia* huwa rikonoxximent għall-massimu li għandu jiġi evitat li jkun hemm deċiżjonijiet konfliġġenti fuq l-istess dritt u causa bejn l-istess partijiet. Sabiex tirnexxi din l-eċċezzjoni iridu jissussistu tlett rekwiżiti: (i) iż-żewġ kawżi jridu jkunu bejn l-istess partijiet u dawn ikunu qegħdin jaġixxu fl-istess kwalità (*eadem personae*); (ii) iż-żewġ kawżi jrid ikollhom l-istess suġġett (*eadem res*) u t-talbiet fiż-żewġ kawżi irid ikollhom l-istess causa (*idem ius* u *eadem causa pretendi*) u dawn iridu jirriżultaw *ictu oculi* (Olena Caruana Verbytska vs Avukat Ġenerali, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Marzu 2019).

Il-Qorti tqis illi din l-eċċezzjoni m'għandhiex mis-sewwa għaliex kawża dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali ma jistax ikollha l-istess causa bħal kawża għal dikjarazzjoni ta' xoljiment ta' kirja skont id-dritt ċivili. Naturalment, il-Qorti ser iżżomm dan kollu quddiem għajnejha meta tiġi biex tqis it-talbiet attriċi, b'mod partikolari r-rimedji li qiegħda titlob l-attriċi quddiem din il-Qorti.

In linea preliminari, l-intimati Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali jeċċepixxu li mhumiex il-leġittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri.

L-artikolu 181B tal-Kap. 12 jiddisponi hekk:

> *"(1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu:*
>
> *(a) kawżi għall-ġbir ta' ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mill-Accountant General;*
>
> *(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta' servizz mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*

*(ċ) kawżi dwar kuntratti ta' provvista jew ta' appalt mal-Gvern jistgħu f'kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*

(2) *L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza li fejn f'kawża quddiem din il-Qorti jkun qiegħed jiġi kontestat it-thaddim ta' xi liġi, huwa biss l-Avukat tal-Istat li għandu jwieġeb f'isem l-Istat. Infatti, kif qalet il-Qorti f'każ kostituzzjonali li jirrigwarda appartament ieħor formanti parti mill-blokka ta' bini ta' St. Julian's Court, Triq Manwel Dimech, San Giljan u ċioè l-kawża fl-ismijiet Josephine Azzopardi pro et noe et vs Onorevoli Prim Ministru et, deċiża fis-27 ta' Ġunju 2017:

*"Illi l-artikolu 181B tal-Kap. 12 li l-intimati qed jirreferu ghalih ifisser li l-legislatur ried li f'kull kaz li fih wahda mill-partijiet tkun il-Gvern, dik ir-rapprezentanza tkun principalment f'kap tad-dipartiment u, fejn dan ma japplikax, sussidjarjament fil-persuna tal-Avukat Generali, li dejjem u f'kull kaz irid jigi wkoll notifikat bl-atti gudizzjarji li jitressqu kontra l-Gvern.*

*It-talba tar-rikorrenti hija ghar-rimedji ghall-pretiza vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom kif sanciti fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u fl-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna dina ghandha tigi diretta fil-konfront ta' l-Avukat Generali u mhux il-Prim Ministru jew il-Ministru tal-Guztizzja [ara J. Bartolo vs Prim Ministru et Kosta 27/02/2009]. Dina l-kwestjoni dwar illegittimità passiva tal-Prim Ministru mhux dejjem giet interpretata b'dan l-mod mill-Qrati izda jidher li fl-ahhar zminijiet il-Qorti Kostituzzjonali stabiliet li fejn fl-ilment imressaq dwar ksur ta' dritt fundamentali tintalab dikjarazzjoni li dispozizzjoni ta' ligi nnifisha tikser xi jedd fundamentali, f'dak il-kaz il-kontradittur legittimu jkun l-Avukat Generali u mhux il-Prim Ministru (jew f'dan il-kaz il-Ministru tal-Guztizzja wkoll) [ara, Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Kost 07/10/2013;*

*Emmanuele Caruana et vs Il-Prim Ministru et, Kost 30/10/2015; Jane Agius vs Avukat Generali et, Kost 14/12/2015 u David Mifsud vs Onor. Prim Ministru et, Kost 24/06/2016. Din l-eccezzjoni ghalhekk qed tigi milqugha*."

Dan il-punt ġie kkunsidrat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ ta' Angela sive Gina Balzan vs L-Onorevoli Prim Ministru et, deċiż fil-31 ta' Jannar 2019, liema każ jirrigwarda lanjanzi simili iżda fir-rigward tal-appartament numru 4 fil-blokka in kwistjoni. Intqal hekk dwar l-aggravju tal-intimati li l-Onorevoli Prim Ministru u l-Onorevoli Ministru ghall-Intern u Sigurtà Socjali mhumiex leġittimi kuntraditturi:

"*L-ewwel Qorti accettat li llum jinstab kristalizzat fil-gurisprudenza li hu biss l-Avukat Generali li ghandu jwiegeb f'isem il-Gvern fejn il-lanjanza hi allacjata ma' allegat ksur ta' dritt fondamentali minhabba l-applikazzjoni ta' xi disposizzjoni tal-ligi. Izda galadarba whud mit-talbiet tar-rikorrenti Balzan kienu diretti lejn l-agir tal-Onor. Prim Ministru u l-Onor. Ministru ghall-Intern u Sigurtà Nazzjonali, u hawn l-ewwel Qorti qieset dak li kienet qeghda titlob ir-rikorrenti Balzan - accettat l-argument tar-rikorrenti Balzan li dawn ghandhom ikunu parti mill-gudizzju.*

*Din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti. Tikkonsidra li t-talbiet tar-rikorrenti Balzan huma effettivament diretti lejn il-Gvern, ghaliex dan biss jista' u ghandu l-obbligu li jassigura skont il-Konvenzjoni u skont il-Kostituzzjoni rimedju effettiv ta' kumpens ghat-telf tat-tgawdija tal-proprjetà taghha. Il-Gvern imbaghad jista' biss jigi rapprezentat f'dawn il-proceduri mill-intimat l-Avukat Generali. Hawn il-Qorti qeghda ghal darb'ohra tesprimi l-opinjoni taghha kif imfissra fis-sentenza fl-ismijiet Carmelo Grech et v. Awtorità tad-Djar et fejn qalet:*

*"Konvenut f'din il-kawza la huwa l-Awtorità tad-Djar u lanqas l-Avukat Generali; il-konvenut huwa Il-Gvern ta' Malta u, jekk ghandu jinghata rimedju mill-Gvern ta' Malta, kull ma hu mehtieq hu illi l-gvern ikun rapprezentat fil-kawza. Il-kwistjoni ghalhekk ma hijiex jekk ghandux ikun imharrek l-Avukat Generali jew l-Awtorità tad-Djar, izda min*

*ghandu jidher f'isem il-Gvern ta' Malta. Dwar dan, il-ligi, fl-art. 181 B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hija cara: f'isem il-Gvern ta' Malta jidher il-"kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni"; jidher I-Avukat Generali f'isem il-Gvern ta' Malta biss "f'dawk l-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern."*

*Is-setgha tal-Onor. Prim Ministru li jaghmel ir-regolamenti ai termini tas-subartikolu 242(2) tal-Kap. 12 bhala l-kap tal-fergha legislativa tal-Istat ma jfissirx li hu ghandu wkoll ir-rapprezentanza tal-Gvern f'proceduri gudizzjarji:*

*"9. F'kull każ, hija kawża kontra l-Gvern ta' Malta, u l-uffiċjali li jidhru f'isem il-Gvern ta' Malta f'azzjonijiet ġudizzjarji, irrispettivament min-natura tal-azzjoni, huma dawk u dawk biss imsemmija fl-art. 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, li fosthom ma hemmx il-Prim Ministru.*

*"10. Il-fatt illi l-Prim Ministru għandu setgħa jagħmel regolamenti taħt l-art. 242 tal-Kodiċi ma jfissirx li għandu jkun parti fil-kawża. Is-sentenza tkun torbot lill-Prim Ministru għax torbot lill-gvern, u biex ikun marbut il-gvern hu biżżejjed li fil-kawża jkun deher għalih min għandu jidher għalih taħt l-art. 181B."*

*Hekk ukoll gie ritenut fis-sentenza tal-Qorti fl-ismijiet Emanuele Caruana v. Il-Prim Ministru:*

*"Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fejn din il-Qorti indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b'referenza ghal dak li jiddisponi l-artikolu 242:*

*".......l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. ... jistipula b'mod car li r-rapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap*

*tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma' l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina kellu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - quod lex voluit lex dixit. Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali.*

*"Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza Glenn Bedingfield v. Kummissarju tal-Pulizija et deciza fil-31 ta' Lulju 2000:*

*"....proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament locus standi f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor.*

*"Dan ifisser li s-sentenza appellata kienet korretta in kwantu lliberat lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju ..... Kienet invece skorretta fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex certament hu l-Avukat Generali li kellu jirrispondi almenu ghal dik il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali li tattakka l-validità ta' provvediment legislattiv."*

*"[66.2] Li l-Artikolu 242 fuq citat ma jitkellimx dwar ir-rapprezentanza fl-atti gudizzjarji, izda jaghti biss fakoltà lill-Prim Ministru sabiex, dan fid-diskrezzjoni tieghu, inehhi ligi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Ministru appellat li, "ir-referenza lejn il-Prim Ministru ma kienitx qeghda ssir bhala r-rapprezentant tal-Gvern fi proceduri gudizzjarji, izda r-referenza hija intiza lilu bhala l-*

*kap tal-fergha legislattiva tal-istat" biex inehhi inkonsistenzi mal-istrumenti legali fuq citati."*

*Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet Josephine Azzopardi pro et noe v. L-Onor. Prim Ministru et il-Qorti f'cirkostanzi simili bhal dawk fil-kaz odjern ghamlet il-posizzjoni taghha cara fir-rigward tal-legittimazzjoni passiva tal-Prim Ministru u tal-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali, f'proceduri fejn it-talba tkun ghal rimedju fuq pretensjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghaliex ghandha titbieghed minn dan il-hsieb u ghalhekk qeghda tilqa' dan l-aggravju."*

Il-Qorti taqbel ma' din il-linja ġurisprudenzjali u ma tarax li hemm lok li żżid mal-prinċipji suesposti li tabbraċċja u tagħmel tagħha. Fiċ-cirkostanzi, qiegħda tilqa l-eċċezzjoni tal-intimati u għaldaqstant, tillibera lill-intimati Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi wkoll li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni mhuwiex applikabbli għall-każ. Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati kif ukoll f'dik tal-Qorti Ewropea li l-applikazzjoni tal-liġijiet rilevanti tal-Kap. 158 ma jikkostitwix teħid forzuz, formali jew *de facto*, tal-proprjeta tar-rikorrenti *qua* sid tal-proprjetà mertu tal-kawża, iżda jikkostitwixxu kontroll ta' użu tal-istess proprjetà. Għaldaqstant, fir-rigward ta' jekk il-każ in eżami jistax jiġi kkunsidrat li jaqa' fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet Josephine Bugeja et vs Avukat Ġenerali, tas-7 ta' Diċembru 2009 li kienet tikkonċerna l-artikoli 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta (dritt ta' konverżjoni minn ċens temporanju għal wieħed perpetwu) fejn ingħad hekk:

*"F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Nazzareno Galea v. Giuseppe Briffa Rikors Nru. 303/90 deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Novembru 2001, citata wkoll mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata. F'dik is-*

*sentenza, wara osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet profondi u dettaljati in materia (osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet li mhux ser jergghu jigu hawn riportati in quanto già riportati in extenso mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata) din il-Qorti kienet waslet ghall-konkluzjoni li jista' allura b'logika jigi arguwit illi l-artikolu 37 jitkellem car u tond fuq cahda tal-proprjetà jew id-dritt fuqha minghajr kumpens xieraq. Ifisser dan li ghandek vjolazzjoni jekk ghandek privazzjoni totali tal-proprjetà jew xi jedd fuqha minghajr l-ebda kumpens jew ahjar minghajr kumpens li ma jkunx xieraq. Din il-konkluzjoni hi wkoll suffragata mill-kumplament tal-artikolu 37 li proprju jipprovdi li dan il-kumpens kellu jigi stabbilit mill-ligi u li l-kwantifikazzjoni tieghu kellha tkun soggetta ghall-iskrutinju ta' Qorti b'kompetenza li tinvesti tali mertu biex tassigura l-gustizzja tal-kumpens. Hi allura l-fehma ta' din il-Qorti illi fil-kaz taht ezami ma jokkorrux l-estremi tal-ewwel paragrafu tal-artikolu 37 in kwantu kif fuq elaborat hawn non si tratta ta' tehid ta' proprjetà jew ta' jedd fuqha taht xi forma jew ohra izda ta' limitazzjoni tal-uzu tal-istess proprjetà. Limitazzjoni li tista' tkun koperta bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni imma li ma jidhirx li tista' tigi inkwadrata fil-parametri tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-appell tar-rikorrenti allura, anke jekk biss fuq din il-bazi ma setax jigi akkolt."*

Madanakollu, fis-sentenza aktar riċenti fl-ismijiet Rose Borg vs Avukat Ġenerali et, tal-11 ta' Lulju 2016, li kienet tirrigwarda l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi:

*"Din il-qorti tosserva illi ma kinitx għal kollox korretta l-ewwel qorti meta qalet illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jolqotx każ bħal dak tal-lum ta' "kontroll ta' użu ta' proprjetà". Meta l-"kontroll ta' użu ta' proprjetà" jolqot, bħal fil-każ tal-lum, interess – li mhux bilfors ikun in re – fil-proprjetà dak il-kontroll ta' użu jista' wkoll, jekk ma jkunx b'kumpens, għal skop xieraq, u proporzjonat għal dak l-iskop, ikun bi ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni."*

Proprju kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ riċenti ta' Alfred Testa pro et noe et vs Avukat Ġenerali et, tal-31 ta' Mejju 2019:

*"A skans ta' ekwivoci din il-Qorti tirribadixxi li mis-subartikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni johrog car li din id-dispozizzjoni tal-ligi hi mahsuba li tinghata interpretazzjoni wiesgha permezz tad-dicitatura taghha fejn il-kliem "interess" u "dritt" certament jolqtu l-kaz in ezami. Hu veru li fil-kaz odjern m'hemm l-ebda tehid ta' proprjetà izda hemm limitazzjoni tat-tgawdija taghha principalment permezz ta' kontroll ta' kera u ta' uzu ghal zmien indefinit, li tista' biss issarraf ghal kisba minghajr kumpens tal-interess tas-sid f'dik il-proprjetà u ta' dritt fuqha ghall-fini ta' ntrojtu xieraq jew ta' uzu."*

Din il-Qorti tikkondividi l-konklużjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża appena ċitata. Il-kontroll ta' użu tal-proprjetà previst mill-artikolu 12A tal-Kap. 158 għandu jiġi kkunsidrat ukoll taħt l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni.

Il-Qorti ser tindirizza l-eċċezzjonijiet rimanenti tal-intimat fil-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel dwar il-mertu tal-każ. Il-lanjanza tal-attriċi fil-kawża tal-lum titwieled mill-fatt li l-Qorti Kostituzzjoniali fis-sentenza tas-7 ta' Diċembru 2012 ħassret dik il-parti tas-sentenza fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-konjuġi Bajada ma jistgħux jinqdew aktar bl-artikolu 12A tal-Kap. 158 u ordnat ħlas ta' kumpens minflok. Effettivament, minflok iddisapplikat l-artikolu 12A tal-Kap. 158, il-Qorti iddisapplikat l-artikolu 3(2) tal-Kap. 319. Dan wassal biex l-artikolu 12A tal-Kap. 158 baqa' jkollu effett bejn il-partijiet biex b'hekk baqa' jwassal għal ksur tad-drittijiet tal-attriċi bis-sitwazzjoni li baqgħet fis-seħħ wara li ngħatat is-sentenza stante li sakemm daħlu fis-seħħ l-emendi għall-Kap. 158 introdotti permezz tal-Att XXVII tal-2018, l-attriċi baqgħet ma tista' tagħmel xejn biex ittejjeb is-sitwazzjoni tagħha għaliex il-konjuġi Bajada baqgħu jokkupaw il-fond. Fir-mori tal-kawża gie nieqes l-intimat Brian Bajada imma jidher li martu Cecelia Bajada għadha tgħix fil-fond sal-ġurnata tal-lum.

Din il-Qorti ftit għandha x'iżżid dwar il-leżjoni tad-drittijiet tal-attriċi għat-tgawdija tal-proprjetà tagħha kif sanċiti permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

L-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jipprovdi li l-ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u l-ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li jkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjonijiet ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist għall-ħlas ta' kumpens xieraq.

L-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li kulħadd għandu d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà tiegħu u ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku.

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati ta' Malta kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea li d-disposizzjonijiet tal-artikoli 5, 12 u 12A Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta huma leżivi tad-drittijiet fundamentali tas-sidien meta jkun hemm nuqqas ta' proporzjonalità bejn il-valur lokatizju attwali tal-fond, u l-kera stabbilita mill-istess liġi. Fil-każ tal-lum diġa ġie stabbilit illi dan il-bilanċ ma nżammx. Il-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet ksur tad-drittijiet fundamentali tal-attriċi u tatha rimedju fil-forma ta' kumpens monetarju għal din il-leżjoni sa dakinhar tas-sentenza, imma minn dakinhar sakemm daħlu fis-seħħ l-imsemmija emendi fl-2018, il-ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha baqa' jissussiti.

L-attriċi qiegħda titlob ukoll lill-Qorti ssib li peress illi baqgħet mingħajr rimedju effettiv, ġarrbet ukoll leżjoni tad-drittijiet tagħha kif sanċiti permezz tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea li jiddisponi li,

> *"Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali."*

Din il-Qorti m'għandhiex l-iċken dubju illi qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018, l-attriċi ma kellha l-ebda rimedju effettiv sabiex tindirinzza l-lanjanzi tagħha ħlief illi terġa tiftaħ kawża quddiem din il-Qorti, kif fil-fatt għamlet.

Madanakollu, bl-introduzzjoni tal-artikolu 12B tal-Kap. 158 l-affarijiet inbidlu. Bid-dħul fis-seħħ tal-artikolu 12B tal-Kap. 158, is-sid ta' fond milqut bl-artikoli 5, 12, u 12A tal-Kap. 158 jista' jirrikorri għall-proċedura ġdida li permezz tagħha jitlob reviżjoni tal-kera u anke l-iżgumbrament tal-inkwilin f'ċerti ċirkostanzi fejn l-inkwilin ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-artikoli 1531F u 1622A tal-Kodiċi Ċivili. Is-sid jista' jitlob ukoll li l-kirja tiġi xolta jekk ikun jista' jipprova, permezz ta' evidenza inekwivoka, li l-kerrej huwa persuna li ma tinħtieġx protezzjoni soċjali.

Kawża simili kienet dik fl-ismijiet Victoria Amato Gauci pro et noe vs L-Avukat Ġenerali et, tat-28 ta' Frar 2020, fejn is-sidien baqgħu mingħajr rimedju effettiv sabiex jindirizzaw il-leżjoni tad-drittijiet tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà wara li l-Qorti Ewropea sabet illi ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-awtur tagħhom fit-titolu (Philip Amato Gauci vs Malta, deċiża fil-15 ta' Settembru 2009). Dwar l-artikolu 12B tal-Kap. 158, il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi:

> *"....meta nfetħet il-kawża, u sakemm daħlu fis-seħħ l-emendi għall-Kap. 158, l-atturi tassew ma kinux ingħataw rimedju tajjeb u biżżejjed, iżda ma jistax minn issa jingħad illi baqgħu ma ngħatawx dak ir-rimedju wara li daħlu fis-seħħ l-emendi magħmula bl-Att XXVII tal-2018."*

L-istess Qorti fil-każ riċenti ta' Henry Deguara Caruana Gatto et vs L-Avukat tal-Istat et, tat-23 ta' Novembru 2020, osservat hekk:

> *"Il-Qorti rat illi bl-emendi introdotti permezz tal-Att XXVII tas-sena 2018 gew introdotti diversi dispozizzjonijiet li jaghmulha anqas difficli ghas-sidien li jirriprendu l-pussess tal-proprjetà taghhom minghand l-inkwilin. B'mod partikolari ghall-argument tal-appellant illi l-appellata Grima m'ghandhiex bzonn il-protezzjoni ta' sistema legali ta' kirjiet protetti, il-Qorti tirrileva illi permezz tal-Artikolu 12B(4) introdott fl-2018, il-Bord li Jirregola l-Kera inghata l-poter illi jordna lil inkwilin sabiex ibattal il-fond fil-kaz illi ma jkunx jissodisfa l-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

*Għalhekk jidher illi dan l-ilment tal-appellant digà fil-fatt jinsab rimedjat mill-leġislatur u m'għadx hemm il-ħtieġa illi jingħata rimedju straordinarju permezz ta' proċeduri konvenzjonali meta huwa għandu rimedju ordinarju disponsibbli għalih li jista' jirrivendika permezz ta' proċeduri quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera. Għalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta ma ddeċidiet illi t-talba għall-iżgumbrament tal-appellata hija intempestiva."*

Din il-Qorti ma tistax tinjora l-eżistenza tar-rimedju li llum huwa mogħti mil-liġi ordinarja. Iżda l-Att XXVII tal-2018 ma jsewwix vjolazzjonijiet imġarrba fil-passat. Kif sewwa osservat din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ riċenti fl-ismijiet Avukat Dottor Iana Said et vs Avukat Ġenerali et, tat-30 ta' Ottubru 2019:

*"Illi fil-fehma tal-Qorti, l-Artikolu 12B tal-Kap. 158 ma jistax isewwi l-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-rikorrenti li digà seħħ. Huwa relevanti għall-finijiet tar-rimedju li jista' jingħata għall-futur. Għalhekk għal dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għal rimedju għal ksur tad-drittijiet fundamentali qabel id-dħul tal-liġi imsemmija, dina l-Qorti tista' takkorda kumpens maħsub biex jindirizza l-ħsara ġja mġarrba minnhom.*

*Fir-rigward tal-applikazzjoni jew le tal-Artikolu 12B minn issa l-quddiem, din l-Qorti m'għandhiex talba biex jiġi dikjarat li l-artikolu 12B kif emendat jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Fil-fatt ir-rikorrenti għamlu riserva għal tali azzjoni.*

*L-intimati isostnu li dan hu rimedju ordinarju effettiv ieħor li l-leġislatur introduċa u għalhekk r-rikorrenti jistgħu jagħmlu użu minnu. Dak li jaħsbu għalih l-emendi ġodda jaqgħu barra mill-parametri tal-proċeduri odjerni. L-applikazzjoni ta' dawn l-emendi għal fatti speċie ta' dana l-każ għad iridu jiġu eżaminati mill-Bord li jirregola l-Kera biex tiġi indirizzata il-kwisjtoni jekk il-kriterju ġodda introdotti mill-leġislatur iservux bħala rimedju ordinarju (ara Robert Galea vs John Ganado, App Inf 05/02/2019) Għalhekk għall-futur ir-rikorrenti għandhom rimedju ordinarju għall-ilment tagħhom*

*(ara Alfred Testa pen et vs Avukat Generali et, Kost 31/05/2019; Benjamin Testa et vs Avukat Generali et, PA Kost 30/05/2019). Kif gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati l-kwistjoni dwar l-lezjoni tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni mhijiex biss kwistjoni ta' valur lokatizzju imma hemm diversi fatturi ohra li jridu jigu kkunsidrati*."

Tal-istess fehma kienet din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Giovanna Bartoli vs Carmelo Calleja et, tat-28 ta' Novembru 2019, fejn intqal hekk:

"*Il-Qorti qeghda tqis ukoll illi ntant dahal fis-sehh l-Att XXVII tal-2018 li kien intiz sabiex ikompli jemenda l-Kap 158. Il-Qorti fliet bir-reqqa d-disposizzjonijiet ta' l-Att XXVII tal-2018. L-introduzzjoni tal-Art 12B tal-Kap 158 hija ntiza unikament sabiex taghmel tajjeb ghall-futur mhux ghal vjolazzjonijiet imgarrba fil-passat. Ghalhekk, fir-relazzjonijiet futuri ta' bejniethom, il-partijiet ghandhom ikunu gwidati mill-emendi l-aktar recenti.*"

B'applikazzjoni tal-premess, il-Qorti ser tilqa' l-ewwel u t-tielet talba attriċi limitatament u ċioè minn wara li ngħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 2012 sakemm daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018 u tiċħad ir-raba' talba attriċi proprju minħabba d-dħul fis-seħħ tal-imsemmi Att.

L-attriċi tilmenta wkoll li n-nuqqas tal-Istat milli jipprovdi rimedju effettiv sabiex tkun tista' tivvanta l-pretensjonijiet tagħha għall-kumpens jilledi d-drittijiet tagħha għal smigħ xieraq ai termini tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.

It-tieni sub inċiż tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

"*(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

L-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jaqra hekk:

> *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja*."

Kif diġà ntqal, qabel ma daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018, sidien bħall-attriċi ma kellhom l-ebda rimedji proċedurali sabiex jipproteġu l-interessi tagħhom. Kif osservat il-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet Zammit and Attard Cassar v Malta, tat-30 ta' Lulju 2015:

> *"61. Whereas the RRB could have constituted a relevant procedural safeguard by overseeing the operation of the system, in the present case it was devoid of any useful effect given the limitations imposed by the law (see mutatis mutandis, Amato Gauci, cited above, 62 and Athony Aquilina v. Malta, no. 3851/12, 66, 11 December 2014). Consequently, the application of the law itself lacked adequate procedural safeguards aimed at achieving a balance between the interests of the tenants and those of the owners (ibid and, mutatis mutandis, Statileo v. Croatia, no. 12027/10, 128, 10 July 2014)."*

Fil-każ ta' Cassar v Malta, tat-30 ta' Jannar 2018, intqal:

> *"56. Despite any reference to unidentified procedural safeguards by the Government (see paragraph 41 above) the Court has on various occasions found that applicants in such a situation did not have an effective remedy enabling*

*them to evict the tenants either on the basis of their own needs or those of their relatives, or on the basis that the tenants were not deserving of such protection (see Amato Gauci, cited above, § 60, and Anthony Aquilina, cited above, § 66). Indeed, when their need arose (some years after they had purchased it) and later despite the little need of it by the tenant - who was not in any particular need of housing (at least after 2008) - the applicants were unable to recover the property. Consequently, the application of the law itself lacked adequate procedural safeguards aimed at achieving a balance between the interests of the tenants and those of the owners (see Anthony Aquilina, cited above, § 66, and mutatis mutandis, Zammit and Attard Cassar, cited above, § 61). The Court further considers that the possibility of the tenant leaving the premises voluntarily was remote, especially since the tenancy could be inherited - as in fact happened in the present case. It is clear that these circumstances inevitably left the applicants in uncertainty as to whether they would ever be able to recover their property."*

Huwa stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea li fejn ma hemmx dan il-jedd għall-rimedju proċedurali, dan jista' jwassal għal-leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. Fil-każ ta' Golder v United Kingdom, tal-21 ta' Frar 1975, il-Qorti Ewropea kienet qalet hekk:

*"In civil matters one can scarcely conceive of the rule of law without there being a possibility of access to the courts...The principles whereby a civil claim must be capable of being submitted to a judge ranks as one of the universally recognized fundamental principles of law; the same is true of the principles of international law which forbids the denial of justice. Article 6(1) must be read in light of these principles."*

B'applikazzjoni tal-premess, il-Qorti qiegħda tilqa' t-tieni talba attriċi għal dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt għal smigħ xieraq limitatament sa meta ġiet introdotta l-proċedura skont l-artikolu 12B tal-Kap. 158 permezz tal-Att XXVII tal-2018.

Fil-fehma tal-Qorti, fil-każ preżenti dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni waħedha ma tkunx biżżejjed imma l-Qorti għandha tagħti kumpens pekunjarju u non-pekunjarju għal dik il-vjolazzjoni.

Dan il-kumpens jingħata mhux taħt l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni, kif talbet l-attriċi, għax dak l-artikolu mhuwiex parti mil-ligi domestika. Il-kumpens jingħata taħt is-setgħa ta' din il-Qorti li tagħti rimedju għall-ksur ta' drittijiet fundamentali. Dan il-kumpens jitħallas mill-Avukat tal-Istat, mhux mill-intimata Bajada, billi l-konjuġi Bajada kull ma għamlu kien li nqdew b'jedd li tagħtihom il-ligi. Għall-istess raġuni, huma m'għandhomx ibatu l-ispejjeż tal-kawża.

Għalhekk, il-Qorti, wara li qieset dawn il-fatturi kollha, u qieset ukoll l-istima magħmula mill-perit, kif ukoll illi l-funzjoni tagħha mhijiex li tillikwida danni ċivili iżda danni għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali, hi tal-fehma illi s-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) għandha titħallas lill-attriċi bħala kumpens għall-ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha minn dakinhar li ġie deċiż il-każ fl-istess ismijiet fis-7 ta' Diċembru 2012 sa dakinhar li daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018.

Dwar l-effett li jibqghalu l-artikolu 12A, fil-każ ta' Josephine Azzopardi et vs Prim Ministru et, tat-12 ta' Lulju 2019, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "*.....Qabel l-emendi li gew fis-sehh fis-sena 2018 kif spjegat fil-paragrafu segwenti, biex titwaqqaf din il-vjolazzjoni u jinghata rimedju li jixraq lill-atturi, l-ewwel Qorti ma seghetx ghamlet mod iehor hlief li tiddikjara li l-ligi ordinarja li fuqha jistriehu l-intimati [inkwilini], hija bla effett, liema dikjarazzjoni tnehhi wkoll fl-istess waqt kull aspettativa legittima li jista' jkollhom l-istess intimati ghat-tharis tal-jedd taht l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.*
>
> *41. Izda illum bl-emendi introdotti fil-Kap. 158, senjatament l-Artikolu 12B ix-xenarju legali inbidel fis-sens li l-Att XXVII tas-sena 2018, applikabbli mill-10 ta' April 2018, jaghti rimedju lis-sidien li jressqu l-kaz taghhom quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera li bis-sahha ta' dawk l-emendi l-funzjonijiet tieghu gew estizi bil-ghan li r-rapport bejn is-sid u l-inkwilin*

*ikun aktar gust. Fil-funzjonijiet tieghu, il-Bord issa ghandu is-setgha li jezamina l-kazijiet li jkollu quddiemu fid-dawl tal-principju tal-proporzjonalità bejn l-interessi tad-sidien u dawk tal-inkwilini, sahansitra ghandu s-setgha, dejjem fid-dawl tal-imsemmi principju, li jbiddel il-kondizzjonijiet tal-kirja sabiex jaghmilhom aktar xierqa.*

*42. Din il-Qorti illum ma tistax tinjora l-ezistenza ta' dan ir-rimedju moghti mill-ligi ordinarja, u ghalhekk fid-dawl ta' dawn l-emendi l-aggravju in dizamina jitlef hafna mir-rilevanza tieghu in kwantu fl-ezami tal-proporzjonalità u wkoll tenut kont ta' dak li jghid l-Artikolu 12B dwar il-mezzi, l-Artikolu 12A, mid-data tal-10 ta' April 2018 kif ukoll mehud b'referenza ghall-Artikolu 12B, ma jistax jibqa' jinghad li fuq bazi generali hu vjolattiv tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Konvenzjoni. Naturalment, mill-aspett kostituzzjonali u konvenzjonali kull kaz ghandu jigi ezaminat fuq il-fatti specie tieghu wara d-decizjoni tal-imsemmi Bord.*

*43. Ghal dawn ir-ragunijiet, issib li t-tieni aggravju tal-intimat l-Avukat Generali mhuwiex gustifikat; fir-rigward tat-tieni aggravju tal-intimati [inkwilini], din il-Qorti tqis li fiz-zmien qabel ma dahal fis-sehh l-Artikolu 12B tal-Kap.158 fl-mori ta' dan l-appell dan l-aggravju tal-intimati Farrugia ma kienx gustifikat, izda illum bl-emendi fuq indikati is-sidien ghandhom rimedju ordinarju ghall-ilmenti taghhom u ghalhekk mhux il-kaz li l-Artikolu 12A jigi dikjarat aktar li huwa minghajr effett*."

Isegwi li skont il-ġurisprudenza l-aktar riċenti tal-Qorti Kostituzzjonali, mhuwiex aktar meħtieġ illi tiġi dikjarata l-inapplikabilità tal-artikolu 12A tal-Kap. 158. Lanqas ma jista' jingħad illi dan l-istess artikolu tal-liġi kif emendat permezz tal-Att XXIII tal-1979 qiegħed ta' bilfors iżomm l-attriċi milli tirriprendi l-pussess tal-proprjetà tagħha għaliex illum il-ġurnata hemm proċedura appożita li tista' tindirizza l-ilmenti tagħha.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru għall-Intern u Sigurtà Soċjali u għaldaqstant, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju,

1. Tilqa' l-ewwel, it-tieni u t-tielet talbiet attriċi limitatament billi tgħid illi l-attriċi ġarrbet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif sanċiti permezz tal-artikolu 37 u 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 u 13 u l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minn dakinhar illi ngħatat is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-istess ismijiet tas-7 ta' Diċembru 2012 sakemm daħal fis-seħħ l-Att XXVII tal-2018;

2. Tiċħad ir-raba' talba stante d-dħul fis-seħħ tal-emendi introdotti permezz tal-Att XXVII tal-2018;

3. Riferribilment għall-ħames talba, tillikwida kumpens in linea ta' danni pekunjarji u non-pekunjarji fis-somma ta' għoxrin elf Ewro (€20,000) u tordna lill-Avukat tal-Istat iħallas din is-somma lill-attriċi.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Avukat tal-Istat b'dan illi l-attriċi għandha tħallas l-ispejjeż tal-intimati Onorevoli Prim Ministru u Ministru għall-Intern u Sigurtà Nazzjonali.

IMHALLEF

DEP/REG